MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1061/2014

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Nr.1331/20l4**

**fl-ismijiet :**

**Darren Borg u David Borg**

**Vs**

**Geomike Ltd (C8820)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta'George sive Gino Cauchi ghan-nom u inrapprezentanza ta' Geomike ltd (C8820) tal-24 ta'Novembru 2014 li jaqra hekk:

*"Illi nhar 11 ta' Settembru 2014 gie prezentat rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-hrug ta' mandat ta' qbid esekuttiv kontra l-esponenti socjeta, liema talba giet akkordata nhar tt-2 ta' Settembru 2014.*

*Illi permezz ta' rikors fl-atti tal-mandat precitat tat-30 ta' Ottubru 2014 gie dikjarat illi saru diversi tentattivi sabiex jigu notifikati l-atti tal-mandat izda dan ma setax isir u ghalhekk ntalbet li ssir in-notifika wara l-hinijiet legali.*

*Illi nhar il-5 ta' Novembru 2014 cirka l-ghaxra (10) ta' filghodu fil-fond 'Cote Azzur' gewwa Triq Sant' Antnin, Marsaskala certu Randolph Cauchi, l-konsinnatarju nkarigat minn din l-Onorabbli Qorti, nformah li huwa kien acceda fuq il-post sabiex jiehu l-oggetti kollha fil-pussess tal-esponenti mill-istess fond.*

*Illi l-oggetti kollha maqbuda u elevati, fl-intier taghhom, jintuzaw fl-ezercitu tan-negozju u hidma tas-socjeta esponenti.*

*Illi wkoll, in-notifika tal-mandat sovra ndikat qatt ma gie notifikat lil esponenti skond il-ligi.*

*Illi xi hin wara accedew fuq il-post ufficjali tal-Qorti li assistew tit-tehid u depozitu ta' diversi oggetti t- idejn il-konsinnatarj u.*

*Illi l-fuq espost juri b'mod car illi l-esekuzzjoni tal-rnandat saret b'mod mghaggel u b'intiza cara illi jpoggi lil esponenti f posizzjoni prekarja u dan peress illi l-esponenti ma tistax tezercita l-professjoni u gestjoni tax-xoghol taghha.*

*Illi mil fuq espost johrog bl-aktar car illi dan il-mandat ser:*

1. *Illi il-mandat sovra indikat qatt ma gie notifikat lill-esponenti meta dan seta facilment isir b'mod parlikolari wara l-hinijiet legali stante illi l-hanut dejjem kien ikun miftuh ghan-negozju.*

2. *Illi l-oggetti rnaqbuda bil-presenti mandat kienu diga gew maqbuda b'mandat iehor izda qatt ma gew elevati u di piu jappertjenu lil terzi stante illi ghadhom mhux imhallsa.*

3. *Illi hemm proprjeta ohra suflicjenti sabiex tissalvagwardja t-talba tar- rikorrenti. Din il-proprjeta u cioe l-istess tbnd hija wahda tangibbli u allura mhux gustifikat li jinhareg mandat fuq proprjeta appartenenti lil terzi li jistghu jallarmaw ruhhom u*

*jirtiraw l-istess b'konsegwenza li s-socjeta esponenti ma tkunx tista' topera kif issa b'din l-elevazzioni ingustifikata gera.*

4. *Illi konsegwenza ta' din l-esekuzzjoni s-socjeta esponenti giet reza inoperabbli stante illi dawn kienu ghodod u oggetti li kollha jintuzaw fil-gestjoni u x- xoghol konness mal-bar, restaurant u pizzeria.*

5. *B' din l-azzjoni l-pozizzjoni tad-debitur esponenti giet resa aktar difficli u bi pregudizzju akbar stante illi ma jista qatt jigi f pozizzjoni sabiex b'hekk ikun jista jiggenera flus halli jhallas id-debitur.*

*Ghaldaqstant, l-esponent, filwaqt li jgib 'il fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan a skans ta' spejjez inutli da parti tal-esponenti, jitlobha bir- rispett sabiex, contrario imperio (1) tordna illi ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-ragunijiet infraskritti, dan l-att ezekuttiv bin-numru 1331/14 MG li permezz tieghu awtorizzat l-elevazzjoni tal-hwejjeg maqbuda jithassar u dan skont dawk il-provvidimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u (2) tordna illi l-hwejjeg maqbuda jigu rilaxxati a favur l-esponent sabiex huwa ikun jista' jibqa' jahdem mill-fond 'Cote Azzur', Triq Sant' Antnin, Marsascala."*

Rat id-digiet taghha tal-25 ta'Novembru 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-10 ta'Dicembru 2014 fis-12:45pm;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati l-kontro parti permezz il-procedura tal-affissjoni fis-19 ta'Dicembru 2014, il-publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Dicembru 2014 u 27 ta'Jannar 2015 u fil-gazzetti lokali fit-2 ta'Frar 2015;

Rat in-nota ta' Darren Borg u David Borg tad-9 ta'Frar 2015, ghar-rikors tas-socjeta Geomike Limited tal-24 ta'Novembru 2014 (a fol. 36) li taqra hekk:

1. *Preliminarjament, it-talba ta' Geomike Limited ghat-thassir tal-mandat ta' qbid ezekuttiv numru 1331/2014 ma tistax tigi milqugha, u dana billi r-rikors odjern gie*

*intavolat ai termini tal-artikolu 281, subinciz (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk seta' biss jigi deciz fil-perjodu ta' xahar mill-jum tal-prezentata. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors odjern ghat-thassir tal-mandat ta' qbid ezekuttiv.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba, tas-socjeta' rikorrenti ai termini ta' dan l-artikolu hija insostenibbli ghaliex is-socjeta' rikorrenti mhux qed tilmenta minn xi difett ta' forma indikat fl-artikolu 274(1) tal-Kapitolu 12. Kif gie ribadit minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz "Edward Pace v Michael Sultana" (PA JRM - Rik 287/05 – deciza fil-5 ta' Mejju 2005) inghad hekk:*

> *"Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl- imsemmi artikolu.* ***Madankollu in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba ikun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma*** *(ara wkoll Joseph Spiteri vs Anthony Perry et) digriet interolukotrju PA AJM 14.11.1994)" .*

*Kif inghad fil-kawza HSBC Bank Malta P.l.c. G- 3177) as Doris Conchin (Rikors Numru. 633/2011) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef Joseph R.Micallef fit-28 ta' Lulju, 2011, u ikkonfermata fl-appell: "l-ghan li ghaliha ddahlet il-procedura taht l-artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li, bis-sahha tiehy, l-parti ezekutata tbaghti pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-sahha tieghu l-istess att esekuttiv ikun inhareg.*[1] *Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iiehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra".*

*Illi hekk kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Bay Street Holdings Limited (C-120858) vs Walter Zammit Cachia et (Rikors Numru. 235/2009) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef Joseph R. Micallef fis-7 ta' April,2009,*

[1] *Ukoll vide sentenza fl-ismijiet Joseph Spiteri vs Anthony Perry et digriet interolukotrju deciz fl-14 ta' Novembru 1994*

*illi min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi imexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi li tinbeda bir-rikors mahluf ai termini ta' l-Artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti sostniet "Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum, il-gurnata din il-procedura hija azzjoni li tinbedab'Rikors Mahluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss m'huwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tieghu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodici tal-Procedura." Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Anthony sive Antoine Vassallo et as HSBC Bank Malta plc (Rikors Numru . 1228/2010) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef Mark Chetcuti nhar l-4 ta' Ottubru,2011*[2]

3. *Illi ghandu jigi rilevat illi permezz ta' rikors guramentat datat 7 ta' Lulju 2010 l-esponenti talbu sabiex is-socjeta' Geomike Limited tigi ikkundannata thallashom is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sittin Ewro u erbghin centezmu (€22,968.40) rapprezentanti xogholijiet ta' gypsum u miljoramenti u benefikati ohra fir-restaurant Cote d' Azur, f'Marsaskala. Dawn ix-xogholijiet li taghhom intalab il-hlas gew esegwiti fis-sena 2009 u minkejja li permezz ta' sentenza datata 12 ta' Gunju 201,4 is-socjeta' Geomike Limited giet ikkundannata thallas dan l-ammont flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet il-hlas relattiv ghadu ma giex effettwat.*

   *L-imsemmija socjeta' ghandha debituri li ghandhom jithallsu minghandha ammonti kbar ta' flus bejniethon, kif jirrizulta wkoll minn dak premess fir- rikors odjern, u s-socjeta' Geomike Limited jidhrilha li tista' tkompli teludi d- drittijiet taghhom, u tibqa' ghaddejja qisu qatt ma gara xejn bl-intavolar ta' rikorsi bhal dak odjern. Dan, bir-rispett, m'huwiex accettabbli. Dak mitlub mis-socjeta' Geomike Limited, jekk milqugh iwassal ghal stat ta' fatt fejn id-drittijiet kollha tal-kredituri jingiebu fix-xejo u certament li l-ligi ma tridx twassal ghal dan l-istat ta' fatt fejn jigu mfarrka d-drittijiet tal-kredituri u jigi agevolat min jabbuza.*

---

[2] *Qorti Civili Prim' Awla Onor Imhallef Jacqueline Padovani Grima - seduta tat-18 ta' Gunju, 2014 Rikors Numru. 458/2014 Fl-atti tal-mandat ta'Qbid 1870/2013 Fl-ismijiet Joseph Said Limited (C5857) vs Albert Agius (KI53968M)*

*Illi s-socjeta' Geomike Limited tistrieh fuq l-artikolu 293(1)(d) tal-Kap.12 biex tissorreggi t-talbiet taghha peress li tghid li l-oggetti maqbuda m'ghandhomx ikunu soggetti ghall-effetti ta' mandat ta' qbid skont il-Ligi billi jintuzaw ghax-xoghol u l-gestjoni tar-restaurant bl-isem Cote d'Azur.*

*Illi l-artikolu 293 (1) (d) jiddisponi li ma jistghux jinqabdu "il-magni u l-ghodda mehtiega ghat-taghlim jew l-ezercizzju ta' xi xjenza jew ta' xi arti tad-debitur, tal-mara tieghu jew tat-tfal tieghu", madanakollu dan l-artikolu m'huwiex applikabbli ghall-kaz odjern, billi l-hrug tal-mandat de quo ghadu mehtieg sabiex wara aktar minn erba'snin mid-data li fiha gie esegwiet ix-xoghol, l- esponenti jigu mhallsa.*

*Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-sentenza deciza fl-4 ta' Lulju 2012, fl-ismijiet James Camilleri & Son Limited C-7679 vs Joseph Demicoli, filwaqt li saret referenza ghal decizjonijiet ohra:-*

> *"Kif gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'referenza ghall- Artikolu 293 li qabel kien jinqara 304 fil-kawza "**Sciberas vs Pace Balzan et**" (Kollezz Vol. XVI.III.p 39), "dan l-artikolu huwa eccezzjoni ghar-regola generali li min ikun obbliga ruhu personalment huwa tenut kont li jadempjixxi l-obbligazzjonijiet tieghu bil-beni kollha prezenti u futuri, u ghalhekk ma jistax iisi estiz oltre l-kazijiet li jinsabu fih espressi. ....."*
>
> *....<u>Trattandosi ta' privilegg hu obbligu tat-tribunal li japplika l-ligi fis- sens lletterali b'effett restrittia (Appell - Cachia vs Barbara deciz fil-21 ta' Frar 1986 -Vol. XV p 403).</u> Tant aktar meta wiehed izomm quddiem ghajnejgh ic-cirkostanza li din l-interpretazzjoni restrittiaa giet ordnata mill-istess legislatur tal-ligi Municipali (Kodici De Rohan para 24, Lib II, Cap III ) minnha originat il-ligi."*
>
> *Kif tajjeb inghad fis-sentenza aktar ricenti fl-ismijiet '**Catherine Scicluna pro et noe vs Direttur tas-Sigurta' Socjali**' deciza nhar il-31 ta'Jannar 2001,:*
>
> *'Illi din il-Qorti thoss li dan l-artikolu ghandu jigi interpretat b'mod restrittiv.(sottolinear ta' din il-Qorti) Dan ma jfissirx li ma jigux kunsidrati c-*

> *cirkostanzi kollha tal-kaz u n-necessitajiet ghall-ghejxiendicenti ta' dak li jkun. Pero' jrid ikun hemm bilanc bejn id-diffikultajiet tad- debitur u min naha l-ohra li l-kreditur ghandu jithallas dak li hu doaut lilu, ghaliex fin-nuqqas ta' dan tkun qed isir nuqqas ta' gustizzja kontra il-kreditur."*

*Illi hu evidenti li l-artikolu 293 (1) (d) tal-Kap 12 ma jghoddx ghall-kaz odjern. Lanqas ghandu jkun hemm l-icken dubju li x-xoghol li taghmel is-socjeta' Geomike Limited* ***la hu xjenza u lanqas hu arti****. Il-ligi riedet telimina mill- effetti tal-mandat ta' qbid biss il-magni u l-ghodod li jintuzaw ghal xi xjenza jew arti, u dak li tghid il-ligi ma jistax jigi mwessgha u interpretat b'mod kuntrarju ghal dak li trid l-istess ligi.*

*Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, per Onor Imhallef Lorraine Schembri Orland, permezz tas-sentenza datata 30 ta' Settembru, 2013 (Rikors Numru 1109/2013) fl-ismijiet Marquita Sheheain Azzopardi as W.Gees Chemicals Limited, gie deciz hekk :*
*-*

> *Tajjeb li jigi osseraat li l-artikolu 293 gie sostitwit in toto bl-Att XII tas-sena 2009 izda d-dicitura ma ntmissitx. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l- kliem "xjenza jew arti", ma jistghux jikkomprendu attivita' imprenditorjali. F'dan is-sens taghmel taghha l-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz:*
>
> *"Illi ghalhekk il-konkluzzjoni logika tal-istess interprettazzjoni hija li dak li qed jigi protett huma dawk l-oggetti necessarji ghall-istruzzjoni u ezercizzju tax-xjenza u arti u mhux l-ghodda anke jekk necessarji ghax-xoghol u ghall-ezercizzju tal-kummerc jew attivita' kummercjali tad- debitur ."*

*Illi f'dan ir-rigward terga issir riferenza wkoll ghas-sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-sentenza deciza fl-4 ta' Lutju 2012, fl-ismijiet James Camilleri & Son Limited C-7679 vs Joseph Demicoli, fejn inghad illi:-*

> *"Illi skond il-Maltese - English Dictionary ta' Joseph Aquilina il-kelma arti hija mfissra bhall "art skill, craftsmanship" u ghalhekk jidher car li dak li qed jigi protett fl-istess disposizzjoni tal-ligi, ma humiex l-ghodda mehtiega ghax-*

*xoghol izda biss l-ghodda u l-magni li huma essenzjali ghat-taghlim jew esercizzji ta' xjenza jew arti tad-debitur jew uliedu, u arti hija mehuda fis-sens ristrett taghha ta' xoghol artistiku iktar minn sengha ut sic.*

*Illi dan johrog car mill-konnotati kollha ta' l-istess subartikolu li qed jirreferi ghat-taghlim u esercizzju ta' xjenza, apparti l-arti u ghalekk jikkomprendi wkoll lill-persuna mhux biss tad-debitur, izda wkoll tat-tfal tieghu.*

*Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**Attard Blue Mix Conrete Supplies Company Limtied vs Pilastri Consttuction Limited**' deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' Lulju 2001:*

*"Il-konkluzjoni logika tal-istess interpretazzjoni hija dak li qed jigi protett huma dawk l-oggetti necessarji ghall-istruzzjoni u esercizzju tax-xjenza u arti u mhux l-ghodda anke jekk necessarju ghax-xoghol u ghall-esercizzju tal-kummerc jew attivita kummercjali tad- debitur ."*

*Kif gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet '**Azzopardi vs Spiteri**', deciza fis-7 ta' Marzu 1951., "il-kelma arti uzata fil-ligi ma tikkomprendix biss l-arti liberali u dawk li jissejhu 'belle arti' imma anke l-arti mekkanici u industrijali u ghalhekk hu protett b'dik id- disposizjoni (gja artikolu 304) tant l-'artista' kemm l-'artigjan'. L-oggetti eskluzi jridu jkunu skond ma qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil- kawza '**Serra as Grech**' deciza fit-12 ta' Dicembru 1938 mhux biss konnessi man-negozju tad-debitur izda jridu jkunu mezzi indispensabbli ghall- ghexien tad- debitur . "*

4. *Illi s-socjeta' ezekutata tikkontendi wkoll li l-mandat ta' qbid numru 1331/2014 qatt ma gie notifikat lis-socjeta' Geomike Limited meta dan seta facilment isir b'mod partikolari wara l-hinijiet legali stante li l-hanut skont hu dejjem kien ikun miftuh ghan-negozju. Kif gja premess, is-sentenza li bis-sahha taghha giet intavolat il-mandat ta' qbid mertu ta' dan ir-rikors giet deciza fit-12 ta' Gunju 2014 u sa minn dakinhar l-esponenti dejjem taw kull opportunita' lis-socjeta' Geomike Limited sabiex thallas dak dovut minnha. Bl-aktar mod azzard issa s-socjeta' Geomike Limited qed*

*tikkontendi li hija ma gietx notifikata bil-mandat ta' qbid bin-numru 1331/2014. Minkejja li ma kienx necessarju li s-socjeta' Geomike Limited tigi notifikata bil-mandat ta' qbid intavolat mill-esponenti qabel ma gew elevati l-oggetti kollha tajjeb li jinghad illi l-marixxalli tal-Qorti u l-kunsinnatarju marru diversi drabi sabiex jesegwixxu l-mandat mertu ta' dan ir-rikors izda wara talba tad-direttur tas-socjeta' Geomike Limited, l-esponenti kienu disposti li jissospendu l-effetti tal-istess mandat bit-tama li s-socjeta' Geomike thallas dak dovut minnha. Kien hemm diversi okkazjonijiet ukoll fejn sabiex jintrebah aktar zmien, id-direttur tas-socjeta' Geomike Limited u ohrajn inkarigati minnu ikkomunikaw direttament mal-avukat sottoskritt sabiex jigi sospiz l-effett ta' dan il-mandat ta' qbid ghaliex kien ser isir il-hlas. Issa, sabiex is-socjeta' Geomike Limitedtkompli teludi d-drittijiet taghhom, bl-aktar mod sfaccat qed tikkontendi li ma kinitx taf b'dan il-mandat ta' qbid.*

5. *Illi s-socjeta' ezekutata hija kotradittorja f'dak illi tikkontendi fir-rikors odjern billi gie premess illi l-oggetti maqbuda bil-presenti mandat kienu diga' gew maqbuda b'mandat iehor izda qatt ma gew elevati u di piu' jappartjenu lil terzi stante li ghadhom mhux imhallsa. Jekk allura l-oggetti maqbuda m'humiex proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti dan ir-rikors ma seta' qatt jigi intavolat mill-istess socjeta' izda minn terzi li huma proprjetarji ta' dawn l-oggetti jew minn terzi interessati. Sal-lum l-ebda terz ghadu m ghamel daru u fi kwalunkwe kaz, dan xorta wahda bl-ebda mod ma jolqot jew izomm il-prosegwiment ta' dan il-mandat.*

6. *Illi fl-ahhamett is-socjeta' ezekutata tikkontradixxi wkoll dak illi hi stess tippremetti billi tindika li hemm proprjeta' ohra li hija sufficcjenti sabiex tissalvagwardja t-talba tal-esponenti. F'dan ir-rigward is-socjeta' Geomike ghamlet riferenza ghall-fond minn fejn kien jigi opefil tr-resaturant bl-isem. Cote d' Azur, fMarsaskala. Dan qieghed jinghad proprju ghaliex filwaqt is- socjeta' Geomike Limited qed tikkontendi li l-oggetti elevati kienu ezenti mill-mandat ta' qbid de quo peress li bihom kien jigi gestit in-negozju u minghajrhom in-neogzju waqaf, fl-istess hin qed donnha qed tghid illi l-bejgh tal-fond minn fejn kien jopera dan in-negozju mhux ser ikun ta' xkiel ghall-operazzjoni ta' dan l-istess negozju. Fi kwalunkwe kaz, dawn il-proceduri huma ntizi biss sabiex din l-Onorabbli Qorti tezamina jekk hemmx xi difett fil-forma tal-mandat izda mhux biex tara jekk hemmx altemattivi ofua sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet tal-esponenti u semmai jekk hemm xi alternattiva ohra da parti tas-socjeta'*

> *Geomike Limited zgur li dan m'huwiex il-mument permessibbli fejn is-socjeta' Geomike Limited setghet tressaq il- quddiem din l-istess alternattiva.*

*Illi huwa car li d-diversi ilmenti sollevati fir-rikors tas-socjeta' Geomike Limited huma tentattivi u sitwazzjoni fejn id-debitur qed jivvinta minn kollox biex jevadi l- gustizzja u jeludi d-drittijiet tal-kredituri tieghu.*

*IIli ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' Geomike Limited ghandhom jigu michuda bl- ispejjez kontriha.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-mandat 1330/2014 (ezebit mis-socjeta Geomike fit-12 ta' Frar 2015) **huwa mandat ta' qbid esekuttiv** prezentat fl-1 ta' Settembru 2014 (u mhux fil-11 ta' Settembru 2014) u degretat fit-2 ta'Settembru 2014.

Ir-rikorrenti George sive Gino Cauchi Direttur ta' Geomike Limited jilmenta illi permezz ta' dan il-mandat Darren u David Borg kienu elevaw il-mobbli u l-*equipment* kollu tar-*restaurant* u tal-kcejjen tal-istess *restaurant* u cioe' il-Cote d'Azur Triq Sant Antnin Marsascala. Il-mobbli ta' dan ir-*restaurant* kif ukoll l-*equipment* kollu tal-kcejjen ittiehdu u gew depozitati f'idejn il-konsinnatarju Randolphe Cauchi. Ir-rikorrenti Gino Cauchi ghal Geomike jikkontendi li b'dan l-agir is-socjeta' Geomike Limited tqieghdet fl-imposibbilta' li hija tkompli bix-xoghol u l-mestier taghha ta' gestjoni ta' *restaurant* b'mod li ma tistax tkompli thallas id-debituri taghha.

Illi minn naha l-ohra Darren u David Borg jikkontendu li l-mandat esekuttiv gie mahrug skond il-ligi u m'ghandu ebda difett ta' forma ai termini tal-Artikolu 274(1) tal-Kapitolu 12 u li l-oggetti maqbuda ma jikkonstitwuwx *"magni jew ghodda mehtiega ghal-taghlim jew ezercizzju ta' xi xjenza, jew ta' xi arti tad-debitur, tal-mara tieghu jew tat-tfal tieghu"* u dana ai termini tal-Artikolu 293(1)(d) tal-Kapitolu 12

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tibda biex tindirizza l-eccezzjoni preliminari ta' Darren Borg et, fis-sens li din il-Qorti ghandha tichad it-talba il-ghaliex ir-rikors odjern *"setgha' biss jigi deciz f'perjodu ta' xahar mill-jum tal-prezentata."*- Vide in-nota ta' Darren Borg et a fol.36 tal-process.

Din il-Qorti taghraf illi l-perjodu ta' xahar skond il-gurisprudenza kostanti taghna, jibda jidekorri mill-gurnata li fih jigi notifikat il-kontro-parti, altrimenti tkun il-Qorti stess li tkun qed tikser id-dritt fundamentali ghas-smiegh xieraq tal-parti, cioe' tal-istess Darren Borg et. Fil-kaz in ezami, l-kontro-parti giet notifikata permezz tal-publikazzjoni fit-2 ta' Frar 2015. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Is-socjeta' Geomike intavolaw it-talba ghar-revoka tal-mandat ezekuttiv fuq Artikolu 281 tal-Kapitolu 12, li jistipola:

> ***281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, <u>għal raġuni valida skont il-liġi</u>.***

Illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin "ir-raguni valida" skond il-ligi indikata fl-Artikolu 281 giet interpretata li tirreferi ghal nuqqasijiet serji indikati fl-Artikolu 274 tal-Kapitolu 12.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana**, deciza fil-**5 ta' Mejju 2005** per **Onor. Imh. Joseph R. Micallef**:

> ***"llli l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba ikun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma***"

Vide ukoll **Joseph Spiteri vs Anthony Perry et** digriet interolukotrju deciz fl- **14 ta' Novembru 1994**. U sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs Doris Conchin** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-**Onor. lmhallef Joseph R.Micallef** fit-**28 ta' Lulju, 2011** u ikkonfermata fl-appell:

> ***"l-Ghan li ghaliha ddahlet il-procedura taht l-artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li, bis-sahha tiehu, l-parti ezekutata tbaghti pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra";***

Min mbaghad jrid jattakka l-esekuzzjoni ta' Mandat jrid jipprocedi skond l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12. Illi skond l-insenjament moghti fis-sentenza **Baystreet Holdings Limited (C-120858) vs Walter Zammit Cachia et** deciza fis-**7 t'April 2009** mill-**Onor. Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum, il-gurnata din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss m'huwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tieghu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodici tal- Procedura."***

Vide wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Anthony sive Antoine Vassallo et vs HSBC Bank Malta plc** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill- **Onor. Imhallef Mark Chetcuti** nhar l-**4 ta' Ottubru, 2011**.

Huwa evidenti mix-xhieda ta’ Gino Cauchi illi ma hemm ebda lment illi huwa, anka b’mod remot indirizzat lejn il-formalitajiet procedurali li bihom gie mahrug il-mandat ta’ qbid ezekuttiv.

Illi ghaldaqstant il-proceduri korretti kellhom ikunu ndirizzati lejn l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid u maghmula bil-forma korretta u cioe’ permezz ta’ rikors guramentat. Illi peress illi r-rikors ghar-revoka tal-mandat **sar taht forma ta’ rikors guramentat,** din il-Qorti tista’ tipprosegwi b’indagni ulterjuri.

Din il-Qorti taghraf li l-Artikolu 293(1)(d) tal-Kapitolu 12 jindika serje t’oggetti u hwejjeg **li m’humiex soggetti ghal qbid**. Infatti l-Artikolu 293(1) tal-Kapitolu 12 jistipola:

> ***“M’humiex soggetti ghal qbid :***
> ***Omisses (a) sa (c)***
> ***(d) “il-magni jew l-ghodda mehtiega ghat-taghlim jew l-ezercizzju ta’ xi xjenza, jew ta’ xi arti tad-debitur, tal-mara tieghu jew tat-tfal tieghu;”***

Illi ghalkemm kemm mid-daqqa t’ghajn, il-mobbli ta’ *restaurant* (u cioe’ fosthom mwejjed u siggijiet) kif ukoll l-apparat u magni ta’ kcina industrijali ma taqghax komodament

f'interpretazzjoni u cioe' mehtiega ghat-taghlim jew ghal xi xjenza jew xi arti tad-debitur jew il-familja tieghu, il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin turi certu ghaqal u hsieb profond.

Minkejja li fis-sentenzi fl-ismijiet **Catherine Scicluna proprio et nomine vs Direttur tas-Sigurta Socjali**, deciza fil-**31 ta' Jannar 2011**, u **Marquita Sheheain vs W.Gees Chemicals Limited** jinghad:

> ***"Tajjeb li jigi osservat li l-artikolu 293 gie sostitwit in toto bl-Att XII tas-sena 2009 izda d-dicitura ma ntmissitx. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kliem "xjenza jew arti", ma jistghux jikkomprendu attivita' imprenditorjali."***

din il-Qorti pero ma tistax ma tosservax illi s-socjeta' Gino Cauchi d-Direttur ta' Geomike Limited jiggestixxi *restaurant* u dan ir-*restaurant* bhala l-uniku mezz ghall-ghejxien tieghu. Irid jinghad ukoll illi l-gestjoni ta' din il-kcina u *restaurant* hija l-uniku mezz illi permezz tieghu jista' jhallas lid-debituri tieghu. Illi ghaldaqstant jikkonkorru l-elementi indikati fil-gurisprudenza ta' dawn il-qrati fejn intqal:

> ***Kif gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet 'Azzopardi vs Spiteri', deciza fis-7 ta' Marzu 1951., "il-kelma arti uzata fil-ligi ma tikkomprendix biss l-arti liberali u dawk li jissejhu 'belle arti' imma anke l-arti mekkanici u industrijali u ghalhekk hu protett b'dik id- disposizjoni (gja artikolu 304) tant l-'artista' kemm l-'artigjan'. L-oggetti eskluzi jridu jkunu skond ma qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil- kawza 'Serra as Grech' deciza fit-12 ta' Dicembru 1938 mhux biss konnessi man-negozju tad-debitur izda jridu jkunu mezzi indispensabbli ghall-ghexien tad- debitur . A bazi ta' dawn il-principji, l-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc b'sentenza moghtija fil-11 ta' April 1986 fil-kawza fl-ismijiet 'Scicluna vs Valenzia' kienet iddecidiet li l-ghodda ta' mastrudaxxa ma jistghux jinqabdu.***

> ***Il-Qorti ghalhekk ezaminat il-lista tal-oggetti li gew maqbuda bis-sahha tal-mandat in kwistjoni u verament jidher li gew elevati l-ingenji li huma necessarji ghall-ezercizju tas-sengha ta' mastrudaxxa, b'mod li per konsegwenza, r-rikorrenti ser ikun impedut milli jkompli***
> ***jmexxi n-negozju tieghu."*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide sentenza **James Camilleri & Sons Limited vs Joseph Demicoli** deciza mill-**Magistrat Dr. C Scerri Herrera** deciza fil-**4 ta' Lulju 2012**.

Din il-Qorti wara li ezaminat il-lista tal-oggetti maqbuda li jidhru elenkati fil-mandat 1331/2014, u taghraf illi dawn huma kollha **oggetti essenzjali** ghat-tmexxija ta' kcina industrijali u *restaurant*.

Huwa kwasi superfluwu li jinghad illi mandat ta' qbid mahrug bi ksur ta' Artikolu 293(1)(d) tal-Kapitolu 12 jikkwalifika bhala **"raguni valida"** ai termini ta' Artikolu 281 tal-Kapitolu 12.

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrispingi l-eccezzjonijiet ta' Darren Borg u David Borg, tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti, u tordna li jigi mhassar il-mandat ezekuttiv 1331/2014 MG il-ghaliex sar bi ksur tal-Artikolu 293(1)(d), u ergo ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 u tordna illi l-hwejjeg maqbuda permezz tal-istess mandat ezekuttiv 1331/2014 MG u li jinstabu f'idejn il-konsinnatarju Randolphe Cauchi jigu rilaxxati favur George sive Gino Cauchi a nom ta' Geomike Limited sabiex huwa jkun jista' jibqa' jahdem mir-*restaurant* cioe' Cote d'Azur fi Triq Sant Antnin Marsascala.

Il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lil konsinnatarju Randolphe Cauchi.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------